**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 24 TA' SETTEMBRU, 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 767/20 GM**

**Carmelo Cassano (K.I. Nru 570049M) f'ismu propju u kif ukoll**

**għan-nom u rappreżentanza ta' EuroMed Limited (C-11199)**

**Wena Group Holdings Limited (C-63628)**

**vs**

**Kevin Zammit (K.I.305169M) f'ismu propju u kif ukoll**

**għan-nom u rappreżentanza ta' IAS Limited**

**(C-12202)**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi ppreżentat fit-28 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu wara li ppremettew:-

1. Illi permezz ta' skrittura datata nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) ffirmata fil-preżenza tan-Nutar Dr.Marion Fenech, l-intimat Kevin Zammit, għan-nom u rappreżentanza ta' IAS Limited, wiegħed u obbliga ruħu li jbiegħ u jitrasferixxi b'titolu ta' ċessjoni ta' drittijiet a favur Wena Group Holdings Limited l-arja

formanti mill-fond b'numru ħamsa u disgħin (95) fost l-oħrajn fi Triq Ta' Ġiorni fil-limiti ta' San Ġiljan u kif aħjar deskritta fl-istess skrittura li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok 'A';**

2. Illi fuq l-imsemmi att, is-soċjeta' rikorrenti Euromed Limited kienet ħallset is-somma ta' erbgħin elf Euro (€40,000) f'isem is-soċjeta' Wena Group Holdings Limited, bħala depożitu akkont tal-prezz tal-propjeta' msemmija, kopja tac-*cheque* qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok 'B'**;

3. Illi skond klawsola numru għaxra (10) tal-istess konvenju, il-kuntratt finali kellu jiġi ppublikat nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), iżda għar-raġunijiet mhux attribwibbli għas-soċjeta' Wena Group Holdings Limited, il-kuntratt finali ma sarx stante' li l-propjeta' hawn fuq imsemmija ma kinitx skond l-AIP Permit u għalhekk kienet impossibbli li ċ-ċessjoni ta' drittijiet isseħħ;

4. illi saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex l-intimati jirrifondu lura s-somma ta' erbgħin elf Euro (€40,000) rappreżentanti depożitu mħallas fuq l-imsemmi konvenju, iżda l-istess intimati baqgħu inadempjenti;

5. Illi għalhekk l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' erbgħin elf Euro (€40,000);

6. Illi l-ammont fuq indikat hu ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni valida skond il-ligi x'jissolevaw f'din l-kawża;

7. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitoli 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema u tiġi deċiża bid-dispensa mis-smiegħ;

8. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

9. Illi għalhekk kellha tiġi institwita din il-kawża.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitoli 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgħin elf Euro (€40,000);

3. Tikkundanna lil-intimati jħallsu lir-rikorrenti din is-somma ta’ erbgħin elf Euro (€40,000).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax sad-data tal-ħlas effettiv;

Rat li l-konvenut u s-soċjeta` konvenuta ġew debitament notifikati fl-indirizz indikat fir-rikors ġuramentat fis-16 ta’ Settembru 2020;

Semgħet ix-xiehda ta’ Carmelo Cassano li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa’ l-istess u ma sar ebda ħlas mis- soċjetà konvenuta;

Rat li l-ebda rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta imsejjaħ tlett darbiet ma deher waqt l-udjenza tallum;

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li rat is-subartikolu (1) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta dwar smiegħ ta’ kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina, u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mill-attur bil-ġurament tiegħu, din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur pprova l-każ tiegħu skont il-liġi;

**Dispożittiv:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara illi Kevin Zammit f’ismu propju u kif ukoll għan-nom u rappreżentanza ta’ IAS Limited (C-12202) huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta’ erbgħin elf Euro (€40,000).

3. Tilqa’ t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi din is-somma ta’ erbgħin elf Euro (€40,000).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax mis-27 ta’ Novembru 2018 sad-data tal-ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA